

REGOLAMENTI

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/401

tad-19 ta' Diċembru 2018

li jemenda r-Regolament (EU) Nru 389/2013 li jistabbilixxi Regjistru tal-Unjoni

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra għewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 19(3) tagħha,

Billi:

- (1) Is-sistema tar-reġistri tiżgura l-kontabilità preċiża tat-tranżazzjonijiet fis-sistema għall-iskambju tal-kwoti tal-emissjonijiet tal-UE (EU ETS) stabbilita bid-Direttiva 2003/87/KE, il-Protokoll ta' Kjoto u d-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE.
- (2) Meta jkun hemm bżonn u għal kemm ikun hemm bżonn sabiex titħares l-integrità ambjentali tal-EU ETS, l-operaturi tal-avjazzjoni u operaturi oħrajn fl-EU ETS ma jistgħux jużaw kwoti li jinħarġu minn Stat Membru li jkun innotifika lill-Kunsill Ewropew bl-intenzjoni tiegħu li jirtira mill-Unjoni skont l-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea ("TUE"). Fid-dawl tan-negozjati skont l-Artikolu 50 tat-TUE, u skont l-Artikolu 12(3)(a) tad-Direttiva 2003/87/KE, il-Kummissjoni jenħtieġ li tivvaluta regolarment jekk huwiex permess l-użu tal-kwoti minn Stat Membru li fir-rigward tiegħu ikun hemm xi obbligi skaduti għall-operaturi tal-inġenji tal-ajru u għal operaturi oħrajn, partikolarment f'sitwazzjonijiet fejn il-liġi tal-Unjoni tkun għadha ma waqfitx tapplika f'dak l-Istat Membru jew fejn ikun żgurat biżżejjed li r-rinunzja tal-kwoti sseħħ b'mod li jista' jiġi infurzat bil-liġi qabel ma t-Trattati ma jibqgħux japplikaw.
- (3) L-abbozz tal-ftehim dwar l-irtirar tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika ("il-Ftehim tal-Irtirar"), kif maqbul fil-livell tan-negozjaturi fl-14 ta' Novembru 2018, jistabbilixxi perjodu tranżizzjonali u jiżgura li l-operaturi tar-Renju Unit jikkonformaw mal-obbligi tagħhom stipulati fid-Direttiva 2003/87/KE fir-rigward tal-emissjonijiet tagħhom fl-2019 u fl-2020. Fil-każ tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim tal-Irtirar, ma jkunx iktar meħtieġ li jiġi ristrett l-użu tal-kwoti li jinħarġu minn tali Stat Membru f'dawk is-snin.
- (4) Għaldaqstant, jenħtieġ li ma jsirux indikazzjonijiet tal-kwoti mill-għada tal-jum li fih l-istrumenti tar-ratifika taż-żewġ partijiet tal-Ftehim tal-Irtirar jiġu ddepożitati mas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill.
- (5) Jenħtieġ li jiġu implimentati miżuri tekniċi xierqa biex jiżguraw l-effettività ta' dan ir-Regolament fil-waqt tal-applikazzjoni tiegħu.

⁽¹⁾ ĠUL 275, 25.10.2003, p. 32.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 41(4) tar-Regolament (UE) Nru 389/2013, jiżdied il-paragrafu li ġej:

“4. Mill-għada tal-jum li fih iż-żewġ strumenti tar-ratifika dwar il-Ftehim tal-Irtirar ikunu ġew depożitati, il-kwoti maħluqa għall-2019 u għall-2020 ma għandhomx jiġu identifikati b'kodiċi ta' pajjiż jekk il-konformità mad-Direttiva 2003/87/KE għall-emissionijiet li jseħħu matul dawn is-snin tkun rikjesta bi ftehim li jstabbilixxi l-arranġamenti għall-irtirar ta' tali Stat Membru mill-Unjoni Ewropea.”

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-publikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Diċembru 2018.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER
